

## Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-14 ta' Frar 2019 — Brunke vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-258/18) (l)

*(“Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Terminu tar-rikors — Bidu tad-dekorrenza — Assenza ta’ talba li tittieħed azzjoni — Talba oħra li tittieħed azzjoni — Inammissibbiltà manifesta — Talba ta’ natura dikjaratorja — Talba intiżha sabiex jinkiseb l-għoti ta’ ordnijiet — Nuqqas manifest ta’ ġurisdizzjoni”)*

(2019/C 131/58)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrent: Lothar Brunke (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Schniebel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Braun u H. Støvlbæk, aġenti)

### Suġġett

Prinċipalment, talba intiżha sabiex jiġi “kkonstatat l-effett diskriminatorju” tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta’ Kwalifikasi Professionali (ĠU 2005, L 255, p. 22, rettifikasi fil-ĠU 2007, L 271, p. 18, fil-ĠU 2008, L 93, p. 28 u fil-ĠU 2014, L 305, p. 115), u, sussidjarjament, minn naħa, talba intiżha, esenzjalment, sabiex jinkiseb l-għoti ta’ ordni kontra l-Kummissjoni u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 265 TFUE u intiżha sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni asteniet illegalment milli tagħi segwitu l-ittri tar-rikorrent tas-6 ta’ Ġunju u tas-27 ta’ Diċembru 2017.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud parjalment minħabba n-nuqqas manifest ta’ ġurisdizzjoni tal-Qorti Ĝeneralni sabiex tieħu konjizzjoni tiegħu u parjalment bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Parlament Ewropew.
- 3) Lothar Brunke għandu jħalli l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 4) Il-Kunsill għandu jħalli l-ispejjeż rispettivi tiegħu relatati mat-talba tiegħu għal intervent.
- 5) Il-Parlament Ewropew għandu jħalli l-ispejjeż rispettivi tiegħu relatati mat-talba tiegħu għal intervent.

---

(l) ĠU C 276, 6.8.2018.

## Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-8 ta' Frar 2019 — Front Polisario vs Il-Kunsill

(Kawża T-376/18) (l)

*(“Rikors għal annullament — Ftehimiet internazzjonal — Ftehim ta’ Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk — Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta’ negozjati bejn l-Unjoni u l-Marokk għall-emenda tal-ftehim ta’ assoċjazzjoni — Nuqqas ta’ inċidenza diretta — Inammissibbiltà”)*

(2019/C 131/59)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: Front populaire pour la libération de la Saguia el-Ħamra et du Rio de oro (Front Polisario) (rappreżentant: G. Devers, avukat)